**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Jean Pierre Le Prevost, bin Carmel u Josephine nee` Azzopardi, imwieled ir-Rabat, Għawdex, nhar il-26 ta' Awwissu 1990, residenti Block 6, 12, Jenemies, Vjal il-Labour, Xewkija, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 28090G**

*Kumpilazzjoni Numru: 39/2022*

**Illum,** 4 ta' Novembru, 2022

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Jean Pierre Le Prevost** u ċioe' talli:

F'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Awwissu 2022 u s-6 ta' Awwissu 2022, fil-ħinijiet ta' bejn id-21:30hrs u l-04:00hrs, fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra, limiti tax-Xagħra, Għawdex u/jew fil-viċinanzi u fir-residenza Little Corner Court, Flat 4, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Għawdex:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Caroline Grech, skont kif iċċertifika Dr. Julian Portelli MD mill-iSptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan bi ksur tal-artikoli 202(h), 214, 216 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Caroline Grech, biża li ser tintuża vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imġieba tiegħu ser tikkaġunalha biża, u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi haġa oħra jew biex jagħmel xi gwadan, jew bil-ħsieb li iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi haġa, jew hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex immalafama li persuna/i oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra Caroline Grech sabiex jinġurja, iddejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded lil Caroline Grech, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar is-6 ta' Awwissu 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., u dan bi ksur tal-artikolu 28B et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fil-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definittivi u li ma' jistgħux jiġu mibdula jew imħassra, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u ċioe' ta' Caroline Grech, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai terminu tal-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti ġiet mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni għas-sigurtà' tal-parti offiża Caroline Grech, u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-28 ta' Ottubru, 2022, il-parte leża irrinunzjat għall-azzjoni legali fil-konfront tal-imputat;

Rat li fl-istess seduta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), sitta (6) u sebgħa (7) miġjuba kontra tiegħu;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u ċioe' wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet li dwarhom irreġistra ammissjoni (u ċioe' dawk numru tnejn (2), tlieta (3) sitta (6) u sebgħa (7)), din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, bl-emendi introdotti bl-***Att XIII tal-2018*** il-kwerela ta' Grech ma hix rikjesta ġaladarba Grech tiffigura bħala persuna msemmija bl-artikolu 202(h)(vi) tal-Kodiċi Kriminali[1]. Mill-atti altru li ġie sodisfatt li Grech sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa u dwar dan mhux biss hemm ix-xhieda ta' Dr. Portelli iżda dik ta' Dr. Scerri u Dr. Mifsud ukoll, li jikkoroboraw ir-rakkont tal-vittma. Ix-xhieda ta' Caroline Grech korroborata bil-kumplament tal-provi, hi waħda li l-Qorti qed tistrieħ fuqha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3) u sitta (6) miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkundizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3) u sitta (6) miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

---

[1] Dispożizzjoni introdotta bl-***Att LXIV tal-2021***

Mhux l-istess jista' jingħad rigward l-ammissjoni tal-imputat fuq is-seba' (7) imputazzjoni li ai termini tagħha qed jiġi addebitat li hu reċidiv anke taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Rigward din l-imputazzjoni l-Qorti ma tistax taċċetta tali ammissjoni tenut kont li s-sentenza mogħtija lilu, li abbażi tagħha qed jiġi imputat li hu reċidiv, ingħatat fis-6 t'Awissu 2019 meta l-imputat ġie kundannat għal sentejn priġunerija sospiżi għal tlett snin[2].

Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[3]

> Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta' l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta' l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta' l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta' l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:
>
> "*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[4] "(sottolinjar tal-Qorti)
>
> Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi **ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza**. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> [enfasi ta' din il-Qorti]

---

[2] **Dok.MDB** a fol.81 et seq

[3] Deċiża 19 ta' Novembru, 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

[4] **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

Illi fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** ngħad:[5]

> Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta' l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….
>
> Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:
>
> "*..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati*."
>
> Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

Illi għalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodiċi Kriminali mhux wieħed mill-artikoli reż applikabbli speċifikament għall-Qrati tal-Maġistrati bl-artikolu 525 tal-Kodiċi, m'hemmx dubju li din il-Qorti tkun qed tonqos serjament mid-doveri tagħha jekk issib persuna ħatja ta' fatti li ma jirriżultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliġġenti.

Issa skond ma jirriżulta mix-xhieda ta' Grech, li ssemmi li kienu r-Ramla għall-ħabta tad-9:30pm,[6] kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Julian Portelli fejn isemmi li Grech qaltlu li ħabtet rasha mal-ġebla għall-ħabta tal-<u>11:30pm tal-5 t'Awiss</u>u,[7] dan ifisser li l-ġrieħi ġew kawżati fuqha mill-imputat **nofsiegħa qabel ma ġiet skontata** s-sentenza tal-Onor. Maġistrat Dr. Sultana. Minkejja li dak li Grech qalet lit-tabib jibqa' *hearsay,* kif anke jixhed il-Current Incident Report li jindika bħala *incident time* il-ħin bejn id-9.30pm u 3am,[8] iċ-ċertfikat mediku u minn dak li stqarr fl-interrogazzjoni l-imputat stess[9] b'kull darba l-ħin li jissemma hu dak ta' xi 11:00-11:30pm, kull dubju jrid imur favur l-imputat u għalhekk hu dan il-ħin li l-Qorti ser tikkunsidra bħala l-ħin li fih l-imputat attakka lil Grech.

Għaldaqstant ma jistax jitqies li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[5] Deċiża 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 99/2017
[6] Vide ukoll Current Incident Report a fol.347 et seq
[7] Fol.31
[8] **Dok.CIR** a fol.347
[9] Fol.43 fejn jissemma il-ħin tal-10pm il-11.30pm.

Fir-rigward ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, dawn jirrikjedu l-kwerela tal-parte leża fejn bir-rinunzja tal-istess parti, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għal dawn l-imputazzjonijiet.[10]

Il-Piena

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat li ma jistax jingħad li hi waħda bikrija, tar-rinunzja tal-azzjoni kriminali da parti tal-vittma, tal-fatt li l-imputat diġa' beda jingħata għajnuna għal *anger management,* tal-fedina penali tiegħu minn fejn jirrizulta li mhux *first time offender* u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Fil-każ in deżamina, il-Qorti ma tridx terħi għajnejha minn fuq l-imputat u għalhekk rigward is-sejbien ta' ħtija fuq dawn l-imputazzjonijiet, tqis li minflok piena ta' ħabs effettiva, filwaqt li ser tkun qed tagħti opportunita' aħħarija lill-imputat, ser tassigura sa fejn tista, li l-imputat jindirizza l-karattru ikrah u salvaġġ tiegħu billi għat-tletin (30) xahar li ġejjin ser ikollu mdendla fuq rasu x-xabla ta' Democles. Flimkien ma' ordni ta' superviżjoni, il-Qorti tqis li għandha tingħata wkoll sentenza sospiża u dan bl-iskop li l-imputat jirrealizza li llum jinsab fuq l-għatba tal-ħabs u d-direzzjoni li ser jieħu, jidħolx 'il ġewwa jew jinżilx minn fuq dik l-għatba, jiddependi għal kollox minnu.

Deċide

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' u l-ħames imputazzjoni kif ukoll mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 202(h)(vi), 214, 221, 222(1)(a) u 251B tal-Kodiċi Kriminali, tal-artikolu 49 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah għal **ħmistax (15)-il xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tletin (30) xahar mil-lum.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni għal **tletin (30) xahar** u flimkien ma' din is-sentenza qiegħda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

---

[10] Artikolu 339(2) tal-Kodiċi Kriminali

Wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti **qiegħda testendi** s-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Awwissu, 2019 ta' **sentejn (2) priġunerija** sospiżi għal tlett snin, **għal tlett (3) snin oħra** li jibdew jiddekorru mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, tas-sentenza sospiża kif estiża, kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€2054.65** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Kopja ta' din is-sentenza u l-ordni ta' Probation għandhom jintbagħatu lid-Direttur tal-Probation u Parole skont il-liġi.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**